*Ejjew naghtu ġieh lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferħ, kull tifħir,*
*Kburin bil-patrun, maħbub tagħna,*
*Magħdud minn kulħadd b'qaddis kbir.*

*Fl-okkażjoni ta' l-40 sena mill-mewt ta'*
*Prof. Mons Pietru Pawl Saydon - Biblista u Studjuż tal-Malti:-*

# Prof P.P. Saydon: il-konnessjoni tiegħu ma' Bengħajsa u t-traduzzjoni tal-Bibbja għal-lingwa Maltija

*Avukat Mark Fenech Vella LL.D. – Konsulent legali tal-Ghaqda Mużikali San Pietru*

*Ħajr lill-mara tiegħi Dr. Fiorella Fenech Vella, pro-neputija tal-Profs. Saydon, kif ukoll ta' ommha Joyce Mifsud Saydon u zijitha Carmen Agius, neputijiet tal-Profs. Saydon, għall-informazzjoni u r-ritratti provduti.*

Il-Professur Mons Pietru Pawl Saydon huwa dak is-saċerdot li fis-skiet u mingħajr daqq ta' trombi ħadem kemm felaħ sabiex il-poplu Malti jkollu x-xorti li jaqra l-Bibbja bil-lingwa tiegħu – bil-Malti. Kien dak is-saċerdot li waħdu ttraduċa l-Bibbja kollha mill-ilsna oriġinali (mill-Aramajk u l-Grieg) għall-Malti u ppubblikaha minn flusu għall-benefiċċju tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Biċċa xogħol kbira hafna u iebsa li titlob studju profond tal-Iskrittura, tal-ilsna li minnhom ġiet tradotta l-Bibbja kif ukoll tal-ilsien Malti nnifsu. Saydon kien studjuż u lingwista kbir u ta' profondità kemm tal-istudju Bibbliċi, kif ukoll ta' l-ilsna. Biżżejjed ngħidu li kien jaf mal-erbatax-il lingwa.



Apparti l-istudji akkademiċi tiegħu, huwa kompla jistudja u jirriċerka waħdu sabiex ikun jista' jittraduċi għall-Malti l-Kotba Mqaddsa – xogħol li ħadlu madwar tletin sena bejn l-1929 u l-1959 u li l-parti l-kbira minnu sar f'dar fl-irħajjel ta' Bengħajsa, ftit 'il bogħod minn Birżebbuġia. Din id-dar iġġib l-isem ta' "Dar is-Sliem" u kienet oriġinarjament proprjetà ta' Dun Pawl Saydon, li jiġi z-ziju tal-Profs. Saydon liema proprjetà hija maħsbua li nbniet fis-seklu 18 u hija mdawra b'bosta għelieqi propjetà tagħha.



## Il-konnessjoni tiegħu ma' Bengħajsa

Kif iġib l-isem tad-dar tal-Profs. Saydon f'Bengħisa u kif wieħed jista' jara mir-ritratt li hawn ma' dan l-artikolett, hija dar għall-kwiet imdawra bil-raba' u l-kampanja ta' Bengħajsa. Ħassejt li għandi nikteb dawn il-ħsibijiet sabiex insellmu lil dan l-istudjuż u patrijott Malti li kellu konnessjoni kbira ma' Bengħajsa li llum, kemm bħala territorju kif ukoll bħala parroċċa, tifforma parti mir-raħal ta' Birżebbuġia. U dan anke peress li Profs. Saydon kien jinżel għal passiġġati sa Birżebbuġia, l-aktar lejn il-bajja fit-tarf ta' Wied ix-Xoqqa.

Dak iż-żmien Bengħajsa kien irħajjel fejn fih kienu jgħammru komunitàżgħira ta' bdiewa u nies twajba. Fid-dar ta' Bengħajsa, il-Profs. Saydon kien iqatta' l-ħin tiegħu jistudja u jittraduċi l-Kotba Mqaddsa. Hekk jitkellem Profs. Saydon fuq id-dar tiegħu f'Bengħajsa: *F'dar imwarrba qalb ir-raba', ftit bgħid mill-qala ferrieħa ta' Birżebbuġa, ġejt ingħaddi l-aħħar ġmiegħ tas-sajf...Madwari kollox ihennini. Dar imdaqqsa fit-tifsil u fit-tqassim tagħha, dejjem imxemmxa, dejjem indella u dejjem imrewħa b'żiffa bierda, imdawra bir-raba' u bit-triq li tieħu minn Kalafrana għaż-Żurrieq.* – Minn "L-aħħar jiem tas-sajf f'Bengħisa" (1934)

Għalkemm miż-Żurrieq, fejn huwa kellu d-dar tiegħu faċċata tal-Knisja Arċipretali ta' Sta Katerina fiż-Żurrieq, il-Profs. Saydon kien iqatta' kważi nofs is-sena f'din id-dar, tista' tgħid minn wara l-festa ta' Santa Katerina li dak iż-żmien kienet issir f'Ġunju, sax-xahar ta' Novembru meta t-temp jibda jaqleb għal dak xitwi. Fil-ktieb riċerkat li Carmel Bezzina ppubblika bl-isem SAYDON – Biblista u Studjuż tal-Malti (Pubblikazzjoni Preca, 2006) naraw bosta ritratti tal-Profs. Saydon quddiem u fil-viċinanzi ta' din id-dar, f'bosta minnhom ma' seminaristi ħbieb tiegħu, kif ukoll mal-Profs. Ġuże' Aquilina. Il-Profs. Saydon kien jieħu tant gost iqaddes fil-knisja żgħira li hemm f'Bengħajsa ddedikata lil Marija Kunċizzjoni. Hekk kellha x'tikkummenta n-neputija tiegħu Joyce Mifsud Saydon fuq il-ħajja tiegħu f'Bengħajsa u li joħrog ukoll il-karattru tiegħu speċjalment ir-relazzjoni tiegħu man-neputijiet li tant kien iħobb:



*Saydon ma' grupp ta' seminaristi f'Dar is-Sliem Bengħajsa*



*Saydon ma' Profs. Aquilina għall-kwiet ta' Bengħajsa*

*Kemm kien iħobb dal-post kwiet u sempliċi. Mhux ta' b'xejn kien iqatta' sitt xhur hemm 'il bogħod mill-qniepen tal-Knisja taż-Żurrieq li tant kienu jġennuh. Dari, l-qniepen kienu jdoqqu ferm iktar mil-lum. Konna nqattgħu diversi weekends miegħu – jaħasra bi dwejjaq kbar min-naħa tagħna. Jiena u oħti Carmen konna nlaqqtuha u tgħidx kemm konna nibku. "X'għandkom?", kien jistaqsina. "Għandna l-flisjoni", konna ngħidulu. Hu kien jipprova jagħmlilna l-ilma jiżfen biex nieħdu gost u aħna ngħoddu s-sigħat sakemm naraw lil ommi ġejja għalina ħa teħodna d-dar!*

*Meta konna żgħar u konna norqdu miegħu ġo Bengħisa, kien jieħu gost jagħmlilna xi ktieb taħt rasna, taparsi l-Bambin għamilulna. Mhux neċessarjament fil-Milied tafux, imma meta jfettillu. Dejjem ktieb kien ikun ir-rigal biex iħajjarna naqraw. Darba niftakar stenbaħt qablu u b'għajn waħda qed narah ġej inkiss inkiss bir-rigal f'idu. Jien naturalment rassejt għajnejja taparsi rieqda u x'ħin inżilt isfel ħdejh, bdejt naqbeż u ngħidlu – Ara, l-Bambin x'ġabli! Kien tani ġerżi dik id-darba u hu, bi tbissima ħelwa tilgħab fuq xufftejh, jifraħ bl-'innoċenza' suppost tiegħi.*

*Kemm kien iħobb dan il-post ħiemed u n-nies t'hemm li kienu jgħixu f'tant sempliċità nieqsa mill-intriċċi li hawn illum! Infatti, kien iqatta' sitt xhur f'Bengħisa – minn Ġunju sa Novembru. Allura kien jitla' ż-Żurrieq regolarment għalina biex inqattgħu xi granet miegħu. Kien jintefa' bil-qiegħda fl-intrata jistenniena nippreparaw ħa mmorru miegħu. Lil ommi, tgħidx x'kull kedda konna nagħtuha għax ħadd minna ma jrid imur. Konna nikluha jiena, jew oħti Carmen, jew it-tnejn biex nagħmlu kuraġġ b'xulxin. U hu, miskin, kien jagħmel minn kollox sabiex nieħdu pjaċir – passiġġati sa Wied ix-Xoqqa, jew ġo Birżebbuġa u hemm jeħodna ħafna drabi għand il-Profs. Tabone.*

## Għeluq

Fuq kuntest nazzjonali, ma hemmx dubju li l-għan ewlieni tal-Profs. Saydon kien li jqarreb aktar il-Kelma t'Alla lejn il-poplu Malti billi jagħtih il-Bibbja f'idejh bil-lingwa li jifhem. U dan il-fatt waħdu, ipoġġi lil Saydon bħala biblista malti ċentrali kif ukoll patrijott għaliex permezz tat-traduzzjoni għall-Malti, ta lil Ilsien Malti, statura akbar. Ħasra li ħidmietu ma ġietx apprezzata biżżejjed.

Fuq nota lokali, naħseb li d-dar tal-villeġġjatura tiegħu f'Bengħajsa u l-konnessjonijiet tiegħu ma' dan l-irħajjel fil-kampanja sabiħa kif ukoll mar-raħal pittoresk u ta' villeġġjatura ta' Birżebbuġia (speċjalment f'dak iż-żmien), għandhom inislu interess storiku u soċjali interessanti ħafna, l-aktar għar-residenti ta' Bengħajsa u l-parruċċani ta' Birżebbuġa.